**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 24 ta' Mejju 2022

Rikors Numru: 128/2021/2 AL

**A B C**

**vs**

**D sive D C**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 1524/2003)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur A B C ta' nhar l-25 ta' Novembru 2021, li permezz tiegħu ppremetta:[1]

[1] Fol. 54.

1. *Illi l-partijiet iċċelebraw iż-żwieġ tagħhom f'forma ċivili nhar it-23 ta' Awwissu tas-sena 2003 li ipso jure ġab bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti fis-seħħ sal-lum;*

2. *Illi bis-saħħa ta' dawn il-proċeduri, iż-żewġ partijiet qegħdin rispettivament jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tistqarr il-firda ersnali tagħhom, u konsegwentament tillikwida l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti fis-seħħ bejniethom, sew bis-saħħa tar-rikors maħluf promotur tar-rikorrent kemm bir-rikors maħluf rikonvenzjonali tal-intimata;*

3. *Illi r-rikorrent qiegħed jibtavola dan ir-rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. XVI bis-saħħa ta' liema dina l-Onorabbli Qorti hija mogħnija bis-setgħa li tordna l-waqfien tal-komunjni ta-akkwisti fis-seħħ bejn il-miżżewġin f'kull waqt li tkun għaddejja kawża għal firda personali;*

4. *Illi l-partijiet jgħixu ħajja separata u ilhom hemm jgħixu għal iżjed minn sena, b'kull parti għandha sors indipendenti ta' qligħ, u hija tal-eta' tax-xogħol li tħaddem impjieg mingħajr limitazzjoni;*

5. *Illi l-partijiet iħallsu l-piżijiet li jgħabbu l-komunjoni ta-akkwisti f'ishma ndaqs bejniethom, ossia s-self bankarji bs-saħħa ta' liema il-partijiet ipprevjenu il-flejjes sabiex jixtru d-dar taż-żwieġ tagħhom kif ukoll proprjeta' immobbli oħra, it-tnejn iż-Żurrieq, kif jidher fir-rendikont bankarju hawn anness u mmarkat dokument "A";*

6. *Illi r-rikorrent jisqarr illi ma hemm ebda punt ta' fatt jew dritt li għandu jxekkel lil din l-Onorabbli Qorti milli tilqa' din it-talba tiegħu u għalhekk tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti fis-seħħ bejn il-partijiet ai termini tal-fuq ċitat Artikolu 55;*

7. *Illi għalhekk jekk dina l-Onorabbli Qorti tilqa' din it-talba tar-rikorrent, ebda parti ma hi se ġġarrab preġudizzju sproporzjonat b'riżultat tad-deċiżjoni tagħha;*

8. *Illi versu l-għan li tintlaħaq l-ekwita', ir-rikorrent umilment iżda insistentement jissuġġerixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta san ir-rikors għas-smigħ fejn il-partijiet jkunu konċessi opportunita' sabiex jidhru*

*huma quddiem dina l-Onorabbli Qorti u aħjar iressqu l-argumenti tagħhom għal dan u kull rikors pendenti;*

*Għaldaqstant, fi-dawl tal-fatti kif hawn fuq edotti u l-Liġi, ir-Rikorrent bil-qima jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

i. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti fis-seħħ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu XVI tal-Liġijiet ta' Malta, minn dakinhar li d-deċiżjoni tagħha tgħaddi f'ġudikat;*

ii. *Tordna n-notifika tad-deċiżjoni tagħha lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-insinwazzjoni tagħha fir-Reġistru Pubbliku, u li d-deċiżjoni tagħha tiswa' daqslikieku l-waqfien sar b'att pubbliku;*

iii. *Tordna illi l-assi kollha li jikkomponu l-komunjoni tal-akkwisti fis-seħħ bejn il-partijiet sa dakinhar tal-waqfien tagħha skont l-Ewwel Talba (i) tar-rikorrent kif hawn fuq mitlub jibqgħu mingħajr preġudizzju sa dakinhar tal-eventwal likwidazzjoni u assenjazzjoni bis-saħħa tad-deċiżjoni aħħarija ta' dina l-Onorabbli Qorti wara l-ġbir, tressiq u smigħ tal-provi f'dawn il-proċeduri mnedijin bis-saħħa tar-rikors promotur tar-rikorrent;*

*U dan salv għal kull ordni ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq li tagħti fiċ-ċirkostanzi.*

Rat ir-risposta tal-konvenuta D sive D C ta' nhar id-9 ta' Diċembru 2021, fejn ġie eċċepit:[2]

1. *Il-partijiet ilhom miżżewġin mill-2003, u għal parti kbira miż-żwieġ il-mittenti kienet responsabbli mill-għixien tal-familja peress li l-applikant kien għadu student sal-2016 u kien biss fil-2008 u 2009 li ħadem bħala part-timer, u wara 2013 bħala full-timer kif jidher f'Dok. A anness ma' din ir-risposta li turi n-numru ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali imħalsa taħt 'Klassi 1' jiġifieri 20 u 29 pagament matul is-sena 2008 u 2009 u 52 pagament mill-2013 sa 2016;*

[2] Fol. 72.

2. *Li waqt iż-żwieġ il-mittenti kienet impjegata 'full time' bħala uffiċċjal korrettiv hekk kif jidher f'Dok. B anness fejn jidhru l-ħlasijiet tas-sigurta' soċjali tagħha;*

3. *Li l-mittenti waqfet taħdem matul 2018 peress li ġiet penzjonanta wara 25 sena servizz bħala uffiċċjal korrettiv (il-kntribuzzjonijiet f'Dok A u Dok B jidhru mħallsa sas-sena 2016, peress li meta ntalab dan id-dokument il-kontribuzzjonijiet tas-sena 2017 u 2018 ma kienux għadhom maħduma, għalkemm hi kenet għadha fl-impjieg f'dan iż-żmien);*

4. *Li llum il-ġurnata minħabba li kienet ta' sapport għalih fl-istudji tiegħu sal-livell ta' 'Masters', biex hu jkollu xogħol stabbli u mħallas tajjeb għall-avvanz tal-familja issa hu qiegħed f'pożizzjoni fejn jaqla' flus ħafna ktar mill-mittenti minħabba li hi tirċievi biss penzjoni u tagħmel xogħol 'part-time' li bdiet f'Ottubru li għadda biex tkun tista' tgħin lilha nnifisha mill-aħjar li tista' fiċ-ċirkostanzi preżenti, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni li għandha tlett itfal minuri li trid tieħu ħsieb waħedha, filwaqt li hu jaħdem bħala perit b'xogħol stability li minnu jqla' aktar minn €2,000 fix-xahar u somma oħra konsiderevoli minn xogħol 'part-time' li hu ma' jiddikjarax kif jidher evidenti minn depożiti li kien jagħmel fil-kont tal-bank 'joint' fl-aħħar 6 xhur qabel dan l-istess kont ma baqax jintuża aktar;*

5. *Li mingħajr preġudizzju ta' hawn fuq, il-mittenti kienet f'pożizzjoni uxtaqet li tkompli x-xogħol bħala uffiċjal korrettiv anke wara li kienet intitolata għal pensjoni, imma kien hu stess li nsista li tieqaf taħdem biex tieħu ħsieb il-familja, u li issa kien imiss lilu li jikkontribwixxi għal bżonnijiet tal-familja, ġaladarba hi kienet għamlet hekk għal żmien twil sakemm igradwa;*

6. *Li fiċ-ċirkostanzi u kif spjegat hawn fuq, li jinkludi l-isproporzjonament ta' l-ammont ta' fluq li kull wieħed jaqla', hija evidenti, u li ha tkun aktar evidenti hekk kif titkompla l-kawża fil-qorti, li l-waqfa mill-Komunjoni tal-Akkwisti tal-beni f'dan l-istadju huwa bikri, il-proċeduri se jkunu preħudikati ħafna kontra l-mittenti, mhux kif jidher fid-dikjarazzjoni li għamel il-konvenut fi klawsola no. 7 tal-applikazzjoni tiegħu.*

*Għalhekk, peress li l-liġi tipprovdi għal waqfa jekk il-partijiet se jkollhom preġudizzju, jekk talba bħal din tiġi milqugħa, il-mittenti ġentilment titlob lill-*

*Onorabbli Qorti biex tirrifjuta t-talba magħmula mill-konvenut bl-applikazzjoni tiegħu, fit-total;*

*Bl-ispejjeż jiġu mħallsa mill-konvenuta.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[3]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-attur A B C sabiex pendenti l-kawża bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, hekk kif l-attur jikkontendi li l-partijiet *"jgħixu ħajja separata u ilhom jgħixu għal iżjed minn sena, b'kull parti għandha s-sors indipendenti ta' qligħ, u hija tal-eta' tax-xogħol li tħaddem impjieg mingħajr limitazzjoni. Illi l-partijiet iħallsu l-piżijiet li jgħabbu l-komunjoni tal-akkwisti f'ishma indaqs bejniethom, ossia s-self bankarji bis-saħħa ta' liema l-partijiet ipprevjenu l-flejjes sabiex jixtru d-dar taż-żwieġ tagħhom kif ukoll proprjeta immobbli oħra, it-tnejn iż-Żurrieq, kif jidher fir-rendikont bankarju"*. Għalhekk, skontu f'każ li l-Qorti tilqa' t-talba kif dedotta, ebda parti mhu ser iġġarrab preġudizzju sproporzjonat.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta toġġezzjona għal din it-talba fejn in sinteżi tisħaq illi *"kif spjegat hawn fuq, li jinkludi l-isproporzjonament ta' l-ammont ta' flus li kull wieħed jaqla', hija evidenti, u li ħa tkun aktar evidenti hekk kif titkompla l-kawża fil-qorti, li l-waqfa mill-komunjoni tal-akkwisti tal-beni f'dan l-istadju bikri, il-proċeduri se jkunu preġudikati ħafna kontra l-mittenti, mhux kif jidher fid-dikjarazzjoni li għamel il-konvenut fi klawsola no. 7 ta' l-applikazzjoni tiegħu"*.

**2. Prinċipji Legali:**

[3] Fol. 70.

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni*

*tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sinteżi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[4] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[5] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[6] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament*

[4] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[5] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[6] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

*konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha teżamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel dan l-eżerċizzju.

Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-argumenti mressqa mill-konvenuta sabiex permezz ta' liema qiegħda toġġezzjona għat-talba tal-attur għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huma tnejn (2) u ċjoe':

(i) <u>Id-disparita' qawwija fl-introjtu tal-attur u dak tal-konvenuta</u>:

Skont il-konvenuta sakemm kienet qiegħda tgħin lill-attur ikompli jistudja matul iż-żwieġ sabiex ikolli xogħol stabbli, hija dejjem ħadmet għal familja. Madanakollu, issa li l-attur temm l-istudji tiegħu u jinsab f'pożizzjoni li jaqla' ħafna iktar flus minnha, il-konvenuta tara li permezz ta' dan ir-rikors, l-attur irid jittermina l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet bil-konsegwenza li wara żmien twil ta' sagrifiċċju da parti tagħha, il-konvenuta ma tgawdix mill-frott tal-introjtu tal-attur u dan bi preġudizzju għall-konvenuta. Magħdud ma' dan, il-konvenuta tisħaq li hija trid tgħajjex lilha nnifisha u tlett (3) uliedha abbażi tad-dħul mill-pensjoni u kif ukoll minn xogħol fuq bażi *part-time* li bdiet f'Ottubru 2022, li bħala introjtu huwa ferm inqas minn dak tal-attur li jaħdem bħala perit f'uffiċċju filwaqt li jagħmel xi xogħol għal rasu mhux iddikjarat;

(ii) <u>Tali talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti saret fi stadju bikri tal-proċeduri:</u>

Jidher illi l-kawża għas-separazzjoni personali ġiet intavolata nhar it-3 ta' Mejju 2021, filwaqt li r-rikors in eżami għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti abbażi tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġie ppreżentat fil-25 ta' Novembru 2021. Skont il-konvenuta f'każ li tali talba kif dedotta tiġi akkolta, il-pożizzjoni tal-konvenuta ser tkun preġudikata konsiderevolment fil-proċeduri odjerni.

*<u>Fir-rigward tal-kwistjoni tad-diskrepanza qawwija fl-introjtu tal-partijiet</u>*, fejn il-konvenuta tilmenta illi jekk tiġi akkolta t-talba tal-attur, dan tal-aħħar ser igawdi l-frott tal-ħidma tiegħu mingħajr ma jaqsam l-istess frott mal-konvenuta, il-konvenuta tittenta tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha billi tgħid illi: (i) għal żmien twil sakemm l-attur temm l-istudji tiegħu, l-istess attur jien jgħix u jgawdi mid-dħul tal-konvenuta, u b'hekk issa li l-attur għandu dħul konsiderevoli stante li temm l-istudji tiegħu, imiss lilha li tgawdi mill-frott tal-attur, u (ii) teżisti diskrepanza qawwija bejn l-introjtu tagħha u dak tal-konvenut.

Il-Qorti rat illi mill-atti kollha tal-kawża sal-preżent jirriżulta illi:

(i) L-introjtu tal-attur skont l-aħħar *payslip* eżebita fl-atti,[7] huwa dak ta' €1,871.16, għalkemm mill-*istatements* bankarji eżebiti jidher illi l-attur kellu dħul ieħor li fuq perjodu ta' għaxar (10) xhur kellu medja ta' madwar €1,177.[8] B'hekk id-dħul tal-attur mensili hija ta' madwar €3,000;

(ii) L-introjtu tal-konvenuta huwa dak tal-pensjoni li tammonta għal €1,021.89,[9] dħul ieħor mis-sigurta' soċjali ta' €81.16 f'Marzu u Settembru, €135.10 f'Ġunju u Diċembru,[10] kif ukoll introjtu minn xogħol li hija tagħmel għal rasha fuq bażi *part-time* li l-Qorti ma tafx kemm huwa dan id-dħul.[11] Barra minn hekk, l-konvenuta tipperċċepixxi ukoll mill-*allowance* tat-tfal kif ukoll minn manteniment skont id-digriet *pendente lite* mogħti minn din il-Qorti li skont l-aħħar digriet, ċjoe' dak tal-25 ta' Jannar 2022,[12] l-attur qiegħed

---

[7] Ara l-payslip maħruġa f'Ottubru 2021, a fol. 119 tal-proċess bin-numru 128/2021 AL.
[8] Il-Qorti waslet għal din iċ-ċifra bili mill-*istatements* bankarji għall-perjodu ta' Jannar sa Otttubru 2020, jidher li kien hemm id-depożiti ta' madwar €11,770, u dan ad esklużjoni ta' dawk it-trasferimenti taċ-ċifri ta' €2,160 li kienu jsiru mensilment li fil-fehma ta' din il-Qorti din hija *transfer* tal-paga tal-attur.
[9] Ara l-*istatements* bankarji, a fol. 172 tal-proċess bin-numru 128/2021 AL.
[10] *Ibid.*
[11] Ara l-*employment history* tal-konvenuta, a fol. 513 tal-proċess bin-numru 128/2021 AL.
[12] Fol. 386.

iħallas is-somma ta' €400 f'manteniment għal kull wild, liema somma tinkludi ukoll sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

B'hekk u tenut kont tal-premess, il-Qorti jirriżultalha li kull parti f'din l-kawża qiegħda tgħix b'mod separat u indipendentament mill-parti l-oħra, u dan inkluż mill-aspett finanzjarju. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**,[13] fejn ġie mgħallem illi:

*"Il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jikkostitwiex preġudizzju mhux proporzjonat. Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri talproċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat;[14] Dana naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut.*

*M'hemm l-ebda dubju li fil-każ odjern, il-ħajja matrimonjali tal-partijiet spiċċat u llum jinsabu jgħixu indipendentement minn xulxin. Kienet l-attriċi nnifisha li rrikonoxxiet dan meta ntavolat il-proċeduri odjerni għas-separazzjoni personali tal-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet spiċċat, u m'hemmx wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx, l-attriċi m'għandhiex tibqa' tippretendi nofs l-introjtu ta' żewġha u dan irrispettivament u indipendentement mill-fatt li prima facie jirriżulta li hija għandha titħallas manteniment mingħandu".*

Dan l-insenjament kompla biex ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell, fejn kompliet iżżid illi:

[13] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiter**i, deċiza mill-Qorti tal-Familja, kif prejeduta, nhar il-15 ta' Marzu 2018.
[14] Deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża **Stephanie Attard vs. Kenneth Attard**, Rikors Numru: 188/15/2AL, deċiża fis-26 t'Ottubru 2016; kif ukoll **Pierre Darmanin vs. Louise Darmanin**, Rikors Numru: 176/16/1AL, deċiż fit-30 ta' Jannar 2017.

*"Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet".*[15]

Fil-każ odjern jirriżulta li l-partijiet ilhom separati *de facto* minn xulxin għal madwar sentejn, liema perjodu ma jistgħax jiġi definit bħala perjodu twil ħafna. Madanakollu u għalkemm il-perjodu tas-separazzjoni *de facto* bejn il-kontendenti ma huwiex wieħed li ilu jeżisti għal ħafna, il-Qorti ma tistgħax tinjora l-fattispeċji tal-każ li għandha quddiemha u n-nuqqas ta' possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejniethom. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija riċentament mill-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **Carmen Grixti vs Ivan Grixti**,[16] fejn ġie kkonfermat illi *"kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-fatti tal-każ li jkollha quddiemha".*

Għaldaqstant, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, ma hemmx dubju għal din il-Qorti illi l-ħajja miżżewġa ta' bejn il-partijiet spiċċat definittivament, fejn il-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin. Konsegwentament, il-Qorti ma tarax li l-konvenuta għandha tkompli tibbenefika mill-frott tal-ħidma tal-konvenut, u viċi versa. *Dato ma non concesso* li l-konvenuta għandha introjtu inqas minn dak tal-attur, dan ma għandux ifisser illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tabilfors tibqa' fis-seħħ, jew li jekk jitwaqqaf dan ir-reġim hija ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat. Barra minn hekk mill-atti jirriżulta li dak id-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti qiegħed jiġi mħallas miż-żewġ partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom, u barra minn hekk ma huwiex minnu dak allegat mill-konvenuta li hija qiegħda tieħu ħsieb finanzjarjament lit-tlett (3) minuri waħeda, għaliex mill-atti jirriżulta illi l-attur qiegħed ukoll jikkontribwixxi finanzjarjament għat-trobbija u għixien tal-minuri bis-saħħa ta' digriet *pendente lite*.

*Fir-rigward tal-kwistjoni li t-talba kif dedotta saret fi stadju bikri tal-proċeduri*, il-Qorti tifhem illi tali oġġezzjoni ġiet sollevata fil-parametri tal-fatt li għad fadal xi provi x'jitresqu dwar dak li jappartjeni lir-reġim viġenti bejn il-partijiet u b'hekk bħal donnu l-konvenuta tisħaq li hemm nuqqas ta' rendikont dwar l-istess. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Etienne**

[15] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019.
[16] Deċiża nhar l-14 ta' Jannar 2021.

**Hayman vs Amanda Hayman**,[17] fejn ġie ribadit illi: *"Ma hemm l-ebda dubju li l-kawza għall-firda personali għadha fi stadju bikri sew, madanakollu dan l-istat ta' fatt ma għandux iwaqqaf lil xi parti milli titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi tali talba tista' ssir "f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda" mingħajr ma ssir distinzjoni jekk tali talba għandhiex issir fil-bidu nett, f'nofs il-proceduri waqt l-istadju tal-ġbir tal-provi, jew fi tmiem tagħhom".*

Fil-kaz odjern jirrizulta ċar illi t-talba tal-konvenut saret matul is-smigħ tal-kawża tal-firda personali u ċjoe' wara l-avviż tas-smigħ fejn il-kawza tqiegħdet fil-lista għall-ewwel seduta. Għaldaqstant ma hemm l-ebda dubju illi t-talba saret skont l-intendiment tal-leġiżlatur u fil-parametri tal-liġi, u l-fatt li l-partijiet għadhom fil-bidu tal-proċess li jresqu l-provi tagħhom, dan ma jfissirx illi dik il-parti interessata għandha tkun prekluża milli tressaq talba ta' din in-natura.

Magħdud mal-premess u fi kwalunkwe każ il-Qorti tfakkar illi *"s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi talkommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien"* - liema insenjament ġie riċentament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**. L-istess ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, fejn ingħad illi *"l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien".*[18]

Fid-dawl tal-insenjament surreferit, il-Qorti ma tarax illi l-oġġezzjoni tal-konvenuta hija valida u l-preġudizzju vvantat minnha huwa altru milli wieħed li jippreġudika l-pożizzjoni tagħha. Għalkemm f'dan l-istadju tal-kawża l-konvenuta għadha ma bdietx tressaq il-provi tagħha u *dato ma non concesso* li l-Qorti tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta, l-konvenuta xorta waħda ser jibqala' dak id-dritt li tressaq kull xhud jew dokument rigward l-assi u dejn li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti sal-mument li din tibqa' viġenti, liema assi u dejn għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza finali tagħha

[17] Deċiza mill-Qorti tal-Familja, nhar it-22 ta' April 2021, (Rik. Nru. 225/2020/2AL), mhux appellata.
[18] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.

għal fini ta' likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-istess lill-partijiet in kwistjoni. Dan għandu japplika ukoll fir-rigward ta' kull dejn u krediti parafernali li jistgħu jeżistu, hekk kif fi kwalunkwe każ l-konvenuta għandha dejjem il-fakolta' li tressaq il-provi tagħha dwar l-istess u f'każ li jiġi ppruvat li dawn verament jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, il-Qorti tgħaddi sabiex tagħti l-ġudizzju tagħha dwarhom fis-sentenza finali tagħha.

Għaldaqstant, wieħed irid iżomm f'moħħu illi meta si tratta l-materja in kwistjoni, ma hemmx lok li ssir lamentela dwar in-nuqqas ta' kjarezza dwar dak li sal-preżent jistabbilixxi l-komunjoni tal-akkwisti għaliex l-elenku jew in-nuqqas iegħu ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni huwa estranju għall-proċeduri in dizamina.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-konvenuta resqet dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi hija verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'każ li titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tirribadixxi l-insenjament kif elenkat fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Magħdud ma' dan u fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[19] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Fin-nuqqas ta' prova sodisfaċjenti ta' preġudizzju sproporzjonat, kif ukoll meta huwa kristallizzat illi l-ħajja miżżewġa tal-partijiet spiċċat, ma hemmx prospettiva ta' rikonċiljazzjoni, filwaqt li l-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin minn kull aspett, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbażi ta' dak dikjarat mill-attur fir-rikors odjern, ser ikun ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur ħadd mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli ttella' l-provi rigward l-assi, kemm

[19] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.

dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu ngabru l-provi kollha.

**DEĊIDE:**

GĦALDAQSTANT u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, u tgħaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiż 5 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tilqa' it-tielet talba u tiddikjara illi dawk l-assi kollha li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti viġeni bejn il-partijiet sad-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, ikunu mhux preġudikati u dan ai fini ta' likwidiazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-istess fis-sentenza finali rigward il-firda personali tal-partijiet.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.